

It-Tlieta 25 ta' Novembru 2014

## III

(Atti preparatorji)

## IL-PARLAMENT EWROPEW

P8\_TA(2014)0054

**Protokoll dwar Materji Speċifiċi għall-Vetturi Ferrovarji\*\*\***

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2014 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll tal-Konvenzjoni dwar il-Garanziji Internazzjonali fuq it-Tagħmir Mobbli li jirrigwarda Materji Speċifiċi għall-Vetturi Ferrovarji, adottat f'Lussemburgu fit-23 ta' Frar 2007 (15113/2013 – C8-0004/2014 – 2013/0184(NLE))

(Approvazzjoni)

(2016/C 289/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (15113/2013),
  - wara li kkunsidra l-Protokoll tal-Konvenzjoni dwar il-Garanziji Internazzjonali fuq it-Tagħmir Mobbli li jirrigwarda Materji Speċifiċi għall-Vetturi Ferrovarji, adottat f'Lussemburgu fit-23 ta' Frar 2007<sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra t-talba għall-approvazzjoni mressqa mill-Kunsill skont l-Artikolu 81(2) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0004/2014),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), l-ewwel u t-tielet subparagrafi, l-Artikolu 99(2) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0030/2014),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu biex il-Protokoll jiġi approvat;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

<sup>(1)</sup> ĠU L 331, 16.12.2009, p. 5.